MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2013

Numru. 764/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**SHAWN GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shawn Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 230994 (M).

**Akkuzat talli:**

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`:

Bejn il-5 ta` Awwissu 2013 u d-9 ta` Awwissu 2013 f'diversi hinijiet f'Rahal Gdid, fil-Marsa, Qrendi u/jew postijiet ohra f'dawn il-gzejjer minn vettura tal-ghamla KING LONG numru tar-registrazzjoni BUS177 u vetturi ohra ikkommetta serq ta` diesel liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga ghad-deteriment ta` Arriva Malta Ltd u'jew entitajiet/persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, u cioe` laqa` ghandu fuel (diesel) propjeta` ta` Arriva Malta Ltd u/jew entitajiet/persuni ohra.
U aktar talli kkommetta reat f'perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija lilu fl-20 ta` Awissu 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Dr. D. Clarke, LL.D.).

U b'hekk rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikolu 261 (b) (f) (g), 263, 268, 270, 271 (g), 18, 49, 50, 289, 28A u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Il-Qorti:**

Innotat l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li inghata zmien ta` ripensament mill-Qorti ghall-ammissjoni tieghu;

Innotat li din kienet it-tielet kundanna tal-imputat li kien ghad ghandu biss dsatax (19) –il sena u li kien ghadu ma giex ikkundannat sentenza ta` prigunerija effettiva;

Innotat ukoll li l-familja tal-imputat kienet qiedgha taghmel minn kollox sabiex l-istess imputat jirriabilita` ruhu u wkoll kien qed isegwi korsijiet tal-ETC sabiex huwa jkun f'posizzjonijiet ahjar li jsib ix-xoghol.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi billi testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza lilu moghtija mill-Qorti diversament preseduta minn tmintax (18) –il xahar ghal erba` (4) snin, u minn sentejn (2) ghal erba` (4) snin bil-kundizzjoni fuq il-fatt illi l-imputat isib xoghol fi zmien sitt (6) xhur millum u dan a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------